MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2009

Numru 416/2008

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR SPIRIDIONE ZAMMIT**

**KONTRA**

**JASON GATT ta’ 30 sena, iben Emanuel u Anna nee’ Coleiro, imwieled nhar id-29 ta’ Awwissu, 1979, residenti fil-fond numru 144, Liliana, riq il-Foss, Rahal Gdid, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 428879M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra ‘l hawn fuq imsemmi **JASON GATT** li gie akkuzat talli:

1. Nhar it-8 ta’ Mejju, 2008 ghall-habta ta’ bejn is-7am u s-1pm waqt li kien fil-fond bl-isem ’17, Hostel House, li tinsab fi Triq tal-Borg, Rahal Gdid, ikkommetta serq ta’

computer (Pentium 4), monitor u keyboard ghal madawr €908 ekwivalenti ghal Lm389.80, u kaxxa tal-flus li kien fiha madwar €600 ekwivalenti ghal Lm257.80 ghad-dannu ta' Giuseppi Pisani miz-Zejtun liema serq huwa kkwalifikat bil-valur, mezz u persuna u dan bi ksur ta' l-Artikolu 261(b)(c)(d), 263, 264, u 267 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U kif ukoll talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe' ghamel hsara fil-post imsemmi, liema hsara hija ta' iktar minn Lm50.00 ghad-dannu ta' Giuseppi Pisani miz-Zejtun u dan bi ksur ta' l-Artikolu 325 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-ammissjoni ta' l-imputat fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri;

Rat ukoll il-kunsens ta' l-Avukat Generali ghal proceduri sommarji. F'dan ir-rigward rat li l-imputat ma kellu ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji.

Rat li fuq talba tad-Difiza nstemghet Jean Cali' in rapprezentanza tal-Caritas li xehdet dwar il-progres li kien qieghed jaghmel l-imputat fi programm fi hdan din l-Agenzija, anzi bi precizjoni li kellu jibda l-programm fuq bazi residenzjali dakinhar stess. Rat li biex issegwi l-progress ta' l-istess imputat regghet semghet l-istess xhud li regghet xhur wara tkellmet fuq il-progress ta' l-imputat.

Ikkunsidrat:

Illi in vista' ta' l-ammissjoni tieghu qieghda ssibu hati ta' l-akkuzi lilu addebitati u cioe' skond l-Artikoli 261, 263, 264, 267, 278, 279, 325 u 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dwar il-piena rat il-fedina penali tieghu, u qieghda tqieghdu taht Ordni ta' Probation ghal tlitt(3) snin mill-lum ai termini ta' l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, b'dan illi ghandu jkompli b'success il-programm fi hdan il-Caritas. Il-Qorti ghandha tigi b'nota mmedjatament infurmata jekk Jason Gatt ma jkomplix b'success dan il-

programm. Huwa ghandu fi kwalunkwe kaz isegwi d-direttivi lilu moghtija mill-Ufficjal mahtur ghal dan l-iskop, cioe' John Testa, aktar u aktar direttivi li barra dawk li jmissu l-programm ghandhom ikunu wkoll intizi biex Jason Gatt isib impjieg.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------